**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI DWAR IL-PETIZZJONIJIET**

**LAQGĦA NRU 11**

**It-Tnejn, 14 ta' April 2025**

Il-Kumitat Permanenti dwar il-Petizzjonijiet iltaqa' fil-Parlament, il-Belt Valletta, fl-2:05p.m.

L-Onor. Chris Agius, ippresieda.

**PREŻENTI**

L-Onor. Charles Azzopardi, l-Onor. Abigail Camilleri, l-Onor. Ivan Castillo u l-Onor. Katya de Giovanni.

**MINUTI**

Il-Minuti ta' Laqgħa Nru 10 ġew approvati.

Il-President tal-Kumitat, l-Onor. Chris Agius, ippreżenta għall-informazzjoni tal-Kumitat:

Dok. 26 Lista' Petizzjonijiet imwieġba u pendenti li kienu fuq l-Aġenda

Bi qbil, peress li kien hemm xi mistidnin, il-Kumitat għadda għall-petizzjonijiet tagħhom.

Petizzjoni Nru 37: Stop Noise Pollution: Inqrat it-tweġiba li ntbagħat mill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu. Ms. Annamaria Baldacchino saħqet li l-amplified music isir minn electronics. Waqt li tkellmet, preżentant numru ta' ritratti ta' stabbilimenti f'Ta' Sliema.

Dok 27 Numru ta' ritratti ta' stabbilimenti f'Ta' Siema.

Qalet li suppost dawn l-istabilimenti suppost soundproof imma trid tgħaddi minn ġo fihom biex timxi fuq il-bankina. L-Onor. Castillo staqsa jekk il-Ministeru jew Pulizija jiċċekkjaw jekk dawn l-istabbilimenti għandhomx il-permess li jdoqqu aktar milli jagħmlu spezzjonijiet biss u li hemm ċertifikati li l-postijiet huma soundproof. L-Onor. Karol Aquilina talab permess biex jitkellem u ngħata. Talab lis-Sinjura Baldacchino tispeċifika jekk fil-biċċa li hemm encroachment hemmx speakers. Il-Kumitat qabel li apparti l-mistoqsija tal-Onor. Castillo,

għandu jagħti d-dettalji dwar x'azzjonijiet se jittieħdu fuq dawn il-postijiet li għandu sistema ta sound fuq encroached areas tal-istabbilimenti.

Petizzjoni Nru 54: Ċittadin Malti li għamel reat f'Malta, anke jekk vittmi huma barra minn Malta, jiġi ġġudikat f'Malta: Il-Kumitat stieden lis-Sinj. Lucienne Bellizzi biex tressaq il-petizzjoni tagħha. Il-petizzjoni tittratta fuq territoriality aktar milli fuq l-att kriminali biss. Tkellem ukoll l-Onor. Karol Aquilina fejn semma l-każ speċifiku rigward min saret il-petizzjoni u semma jekk hemmx raġuni għala hemm din l-insistenza. Tkellem ukoll Dr. Arthur Azzopardi qal li din il-petizzjoni qed titlob biex persuna ikollha sentenza deċiża hawn Malta u ġudikata f'Malta. Il-kumitat qabel biex dan it-transcript lill-Ministeru għall-Ġustizzja u r-Riforma fis-Settur tal-Kostruzzjoni u lill-Ministru biex ikun akkonoxxenza ta' xi ntqal fil-kumitat. L-Onor. Aquilina talab jekk jistax jiġi xi ħadd mill-Ministeru biex jiġi xi ħadd għal kumitat peress li hi time sensitive. L-Onor. Azzopardi qal li kien hemm persuna oħra involuta li kienet min-Niġerija u li l-każ tiegħu ġie diskuss u riżolt fin-Niġerja stess u l-Onor. Castillo qal li jekk hemm preċedent fuq il-każ. Għaldaqstant kien hemm qbil biex tintbagħat kopja tat-transcript lill-Ministeru u biex jiltaqa' kemm jista' jkun malajr.

Il-Kumitat kompla bil-lista li hemm fuq l-Aġenda,

Petizzjoni Nru 12: Protecting Interest, Rights and Privilege of Minority Groups: Il-Kumitat ra li ġew mitluba kemm-il darba saret talba għal rimarki u l-president tal-Kumitat qal li se jkun qed jitkellem mal-Ministru nnifsu biex jara li petizzjonijiet simili bħal din ikunu mwieġba u jingħataw rimarka.

Petizzjoni Nru 13 - Revision of the legality of heated tobacco products; Il-Kumitat qara t-tweġiba li ntbagħtet mill-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva. Bi qbil, il-kumitat ideċieda li r-risposti kollha jinbagħtu lil min għamel il-petizzjoni u jekk ikun hemm xi talba oħra minn min għamel il-petizzjoni, jerġgħu jiddiskutuha.

Petizzjoni Nru 18 – Garaxxijiet fi driveways komuni privati ma għandhomx jiġu ostakolati, il-pulizija għandha tinforza: bi qbil, il-kumitat ħa nota biex jintwerew lill-Ispeaker.

Petizzjoni Nru 36 – Klinika tas-Saħħa f'Ħal Balzan: bi qbil, il-kumitat ħa nota biex jintwerew lill-Ispeaker.

Petizzjoni Nru 38 – Riforma Kostituzzjonali: Petizzjoni għal Demokarazzija Rappreżentattiva: Il-Kumitat qabel li għandha terġa' tintbagħat reminder lill-Ministeru għall-Ġustizzja u r-Riforma fis-Settur tal-Kostruzzjoni.

Petizzjoni Nru 40: Consider Chamber of Architect's Plans for Msida Creek: Inqrat it-tweġiba li ntbagħat mill-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastrutura u x-Xogħlijiet Pubbliċi. L-Onor. Castillo talab jekk hux possibbli li l-kumitat jistaqsi jekk il-proposti li kienu mitluba mic-Chamber of Architects kemm hi differenti mill-proġett li qed jipproponi l-Gvern. Il-Ministeru għandu jintalab jelenka x'differenzi hemm bejn iż-żewġ proġetti.

Petizzjoni Nru 47: Binja Silvio Parnis tinbidel għal binja Albert Fenech: il-Kumitat qara t-tweġiba li ngħata mill-Ministeru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli u qabel li din it-tweġiba tintbagħat lill-petizzjonant u tiġi meqjusa bħala eżawrita.

Petizzjoni Nru 48: Petition to amend the 10-day rule of the Employment Law for Third Country Nationals (TCNs): Il-Kumitat għadu qed jistenna rimarka mill-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol. Isemma wkoll li din il-petizzjoni forsi tkun tista' tistenna ftit sakemm jitħabbar il-Malta Labour Migration Policy finali peress li fih kien hemm dawn id-dettalji kollha msemmija. Inqabel li għadna xorta tintbagħat tfakkira lill-Ministeru.

Petizzjoni Nru 49: Demand Immediate Action on MCAST Crisis: End the Academic Limbo for Students and Educators: Il-Kumitat qabel li għandha titbagħat reminder oħra. Isemma l-fatt li l-kwistjoni kienet temporanjament riżolta però kienu għadhom qed jistennew l-Collective agreement ikun iffirmat u approvat qabel ma jkunu jistgħu jagħlqu din il-petizzjoni.

Petizzjoni Nru 50: Help us save Madliena Vallery from a Nursing Home in ODZ Development.: Inqraw it-tweġibiet tal-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva u tal-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar. Il-Kumitat qabel li r-risposti jingħataw lill-petizzjonant u tiġi kkunsidrata bħala eżawrita.

Petizzjoni Nru 51: ID Cards not being released by Identità: Il-Kumitat għadu qed jistenna rimarka u għaldaqstant intalbet biex tintbagħat tfakkira oħra.

Petizzjoni Nru 52: Isem Triq Tignè: Il-Kumitat għadu qed jistenna risposta u għaldaqstant qabel li għandha tintbagħat tfakkira oħra.

Petizzjoni Nru 53: Introduzzjoni mill-ġdid tal-Lingwa Russa fir-Kurrikulu tal-Eżamijiet ta' Malta: Il-Kumitat għadu qed jistenna rimarka mill-Ministeru u għaldaqstant se tintbagħat tfakkira oħra. L-Onor. Castillo rrimarka li jekk mistoqsija parlamentari għandha limitu ta' żmien meta titwieġeb, din għandha tibda tapplika wkoll għar-rimarki ta' petizzjonijiet.

Petizzjoni Nru 55: Agħtu priorità lit-trasport pubbliku u mhux sussidju lill-karozzi privati: il-Kumitat qabel li l-petizzjoni għandha tintbagħat lill-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi kif ukoll lil Transport Malta.

Petizzjoni Nru 56: Tmissux il-Liġi għall-Aċċess liċ-Ċittadin għall-Inkjesti Maġisterjali: Il-kumitat ra li sakemm għalqet il-petizzjoni kien hemm żviluppi u l-abbozz sar Liġi. Għaldaqstant il-Kumitat se jkun qed jgħaddi din il-petizzjoni lill-Ministeru għall-Ġustizzja u r-Riforma fis-Settur tal-Kostruzzjoni għar-rimarki tiegħu.

Petizzjoni Nru 57, 58 u 59 għadhom ma għalqux għaldaqstant jiġu diskussi meta jagħlqu.

Petizzjoni MP-4: Onor. Ian Vassallo: Iffirmata minn 748 persuna rigward konsultazzjoni pubblika dwar Traffic Management fi Triq Sir Temi Zammit, Imġarr: Il-Kumitat għadu qed jistenna rimarki wara li kienu ntalbu aktar dettalji.

Petizzjoni MP-6: Onor. Albert Buttigieg – Erġgħu iftħu l-għassa ta' San Ġwann: Peress li l-Ministeru kien għadu ma għaddiex ir-rimarki, l-kumitat qabel li għandha tintbagħat remidner lill-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol.

Petizzjoni MP-7: Onor. Robert Cutajar – Petition to Support the Malta Baseball & Softball Association: Il-kumitat kien infurmat li ntbagħtet ittra lill-President tal-Softball and Baseball Association biex jgħid jekk din il-kwistjoni ġietx riżolta u għadu qed jistenna rimarka kemm

mingħandu kif ukoll mingħand il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isports, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni.

Fit-3:07 p.m. il-Kumitat ġie aġġornat għal data li kellha tiġi kkomunikata aktar tard.

**JARED SULTANA**
**SEGRETARJU TAL-KUMITAT**

**KONFERMATI**

**ONOR. CHRIS AGIUS, MP**
**PRESIDENT TAL-KUMITAT**